**28 ta' Frar, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph Said Pullicino B.A., LL.D.**

Anthony Vella *noe*

*versus*

Alan Clifford Jones

**Konvenju ta' Bejgħ li Skada – Danni Prekontrattwali**

*Il-Qorti ma tarax taħt liema figura legali l-attur nomine jista' javvanza pretensjoni għall-kundanna ta' danni pre-kontrattwali meta, ex admissis, ma użufruwiex mir-rimedju li l-liġi stess tagħtih ex contractu.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni tat-12 ta' Marzu, 1991, li bih l-attur *nomine* wara li ppremetta illi l-konvenuta kien għamel ħsieb li jixtri appartament f' "*Mellieħa View*", Dun Franġisk Sciberras Street, Mellieħa, tant li ffirma l-anness konvenju li llum skada u li b'dan il-ħsieb f'moħħu l-konvenut ta istruzzjonijiet speċifiċi lill-attur sabiex dan jixtri ċertu tip ta' madum u jagħmel ċertu tip ta' xogħol fil-post in kwistjoni;

U wara li ppremetta illi l-konvenut ma jridx jonora l-konvenju għax dana skada, iżda fl-istess waqt ikkaġuna lill-attur danni pre-kontrattwali billi l-ewwel wera x-xewqa u intenzjoni li jixtri, u wara li saru spejjeż mill-attur a bażi ta' dik l-intenzjoni

l-konvenut ma resaqx għall-kuntratt finali u li dawn id-danni jammontaw għal Lm796.00;

Talab l-istess attur *nomine* għaliex din il-Qorti ma għandhiex:

(1) Prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut hu responsabbli għad-danni versu l-attur fis-sens kif fuq ingħad;

(2) Tordna lill-konvenut iħallas lill-attur id-danni kif illikwidati fis-somma ta' Lm796.00;

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li huma bbażati fuq fatti inveritiera u premessi legali żbaljati;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

L-attur *nomine* qed jitlob li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas lid-ditta minnha rappreżentata s-somma ta' Lm756 in linea ta' danni pre-kontrattwali billi, skond hu, il-konvenut l-ewwel wera x-xewqa u l-intenzjoni li jixtri l-appartament imsemmi fiċ-ċitazzjoni u, wara li saru l-ispejjeż mill-attur *nomine* a bażi ta' dik l-intenzjoni, il-konvenut baqa' ma resaqx għall-kuntratt finali. L-attur *nomine* qed jippremetti illi (a) id-ditta minnu rappreżentata xtrat ċertu tip ta' madum u għamlet ċertu tip ta' xogħol fuq istruzzjonijiet speċifiċi tal-konvenut u (b) li l-konvenut ma riedx jonora l-konvenju għax dana skada u ma

resaqx għall-kuntratt finali;

Hu stabbilit mill-provi illi d-ditta attriċi ma għamlet l-ebda att ġudizzjarju biex tesiġi li l-konvenju jiġi onorat mill-konvenut kif kellha kull dritt li tagħmel jekk kienet konvinta li hi ma kienet bl-ebda *mod inadempjenti fit-termini tal-konvenju*. Hu ovvju li dan kien ir-rimedju li kien miftuħ lill-attur *nomine* biex jikkawtela d-drittijiet tiegħu li l-liġi tagħtih biex jarġina kull telf jew danni riżultanti mill-allegata inadempjenza tal-konvenut. Il-Qorti ma tarax taħt liema figura legali l-attur *nomine* jista' javvanza pretensjoni għall-kundanna ta' danni pre-kontrattwali meta, ex admissis, ma użufruwiex mir-rimedju *li l-liġi* stess tagħtih *ex contractu;*

Aspett dan li kien ikun jimmerita approfondiment kieku rriżulta li l-attur *nomine* ipprova sodisfaċentement il-premessi tiegħu. Għall-kuntrarju il-Qorti ssib li ma ipprovahomx u fuq din il-bażi biss it-talbiet attriċi ma jimmeritawx li jiġu milqugħa;

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi il-Qorti tiddeċidi l-kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u konsegwentement tiċħad it-talbiet attriċi – bl-ispejjeż.